MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 77/2005/1

**Josephine Lanzon nee' Abdilla**
**Anthony Lanzon**
**vs**
**Anthony sive Twanny Camilleri**

Ra r-rikors promutur:

Illi r-rikorrenti Josephine Lanzon hija l-proprjetarja tal-fond numru hamsin (50) gia' numru hamsa (5), St. Paul Street, B'Bugia, liema post hija wirtitu minghand iz-zija taghha Guzeppina Vella li mietet fl-1964 u bdiet tabita fih.

Illi fl-1972 ir-rikorrenti Josephine Lanzon emigrat lejn l-Awstralja u baqghet hemm ghal bosta snin. Izda qabel ma emigrat hija tat b'lokazzjoni l-imsemmi fond lill-intimat Anthony Camilleri bil-kera ta' erbgha u ghoxrin lira (Lm24) fis-sena.

Illi r-rikorrenti issa rritornat mill-Awstralja flimkien ma' zewgha u ser tibqa' tghix f'Malta, u hawn Malta m'ghandiex fejn toqghod. Difatti, minn kemm ilhom li gew lura mill-Awstralja fl-4 t'Awissu, 2005, hija u zewgha qeghdin jabitaw f'kamra wahda fid-dar ta' Inez Catania, li tigi oht ir-rikorrenti u zewgha, fl-indirizz 46, St. Paul Street, B'Bugia, li jigi zewg bibien 'il boqghod mill-proprjeta' taghha stess. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandha bzonn tiehu lura l-pussess tal-fond 50 gia' 5, St. Paul Street, B'Bugia, biex tmur tabita fih hi stess.

Illi inoltre, l-intimat ghamel alterazzjonijiet strutturali estensivi minghajr il-kunsens tar-rikorrenti bhala proprjetarja.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlobu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-fond 50 gia' 5, St. Paul Street, B'Bugia u jordna lill-intimat jivvaka l-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jigu lilu prefiss.

Ra r-risposta tal-intimat :

Illi prelimiarjament it-talba ghar-ripreza tal-fond de quo hija wahda irrita u nulla, in vista ta' l-Artikolu 8 subinciz (2) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi di piu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fond de quo huwa r-residenza ordinarja ta' l-eccipjenti u l-familja tieghu, u ma giex offert l-ebda fond alternattiv mill-attrici lill-eccipjenti ghal abitazzjoni tieghu u l-familja tieghu;

Illi l-eccipjenti m'ghandu l-ebda akkomodazzjoni alternattiva sabiex huwa jabita flimkien mal-familja tieghu u certament l-element ta' hardship huwa wiehed sostanzjali fl-eventwalita' li t-talba tar-rikorrenti ghar-ripreza tal-fond de quo tigi milqugha;

Illi inoltre u minghajr ebda pregudizzju ghal premess, ma huwiex minnu li l-eccipjenti ghamel xi alterazzjonijiet strutturali estensivi kif allegat mir-rikorrenti fir-rikors promutur;

Illi t-talbiet avvanzati mir-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz, u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semgha l-provi dwar l-eccezzjoni preliminari;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni prelimiari vantata mill-intimat li jinvoka dak ravvizat fl-artikolu 8(2) tal-Kap 69 li jghid illi meta sid il-kera irid jiehu lura l-fond mikri huwa ghandu jitlob permess lill-Bord izda dan id-dispost ma jghoddx ghal fondi li huma tal-Gvern jew amministrati minnu.

Illi in sostenn tal-eccezzjoni tieghu, l-intimat ressaq bhala xhud rapprezentat tal-Awtorita’ tad-Djar li kkonfermat illi fil-fond 50 gia 5, St. Paul’s Street Birzebbugia huwa fond rekwisizjonat mill-Gvern u li l-istess Ordni ta’ Rekwisizzjoni R0126 ghadha vigenti u l-inkwilin huwa l-istess intimat Anthony Camilleri.

Illi huwa pacifiku illi l-effett ta’ Requisition Order taht id-dispost tal-Kap 125 huwa dak ta’ dispossament ta’ sid il-fond f’idejn il-Gvern u dan skond l-insenjament tas-sentenza **Dottor Francesco Masini noe vs Wilfred Podesta’ noe et App 29/04/1963.** Illi ghalhekk ma hemmx dubju illi r-rekwisizzjoni ta’ fond talvolta timporta l-kontroll u l-amministrazzjoni tieghu li per konsegwenza taghmel dan il-fond immun mit-talba tas-sid ghar-ripresa tiehgu bazata fuq il-htiega kif ravvizat fl-artikolu 8 tal-Kap 69. Fid-domandi in kontro-ezami, l-intimat jidher li kien miexi fid-direzzjoni li iqieghed f’dubju l-validita’ tar-Requisition Order izda dan il-Bord mhux dispost jissindika

dak l-operat ghaliex se mai dak ghandu jkun mertu ta' kawza ad hoc kif dejjem irritenew il-Qrati taghna;

Ghal dawn il-mottivi dan il-Bord qed jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat u jichad it=talba tar-rikorrenti

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------